

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 54/2022

tat-18 ta' Marzu 2022

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/1122]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/133 tal-4 ta' Frar 2021 li jimplementa r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format bażiku, l-istruttura u l-mezzi ta' skambju tad-*data* taċ-ċertifikat ta' konformità f'format elettroniku <sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtiegħ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 51b (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2020/1812) tal-Kapitolu I tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"51c. **32021 R 0133:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/133 tal-4 ta' Frar 2021 li jimplementa r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format bażiku, l-istruttura u l-mezzi ta' skambju tad-*data* taċ-ċertifikat ta' konformità f'format elettroniku (ĠU L 42, 5.2.2021, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/133 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Marzu 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE \*, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 49/2022 tat-18 ta' Marzu 2022 <sup>(2)</sup>, skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2022.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Nicolas VON LINGEN

<sup>(1)</sup> ĠU L 42, 5.2.2021, p. 1.

<sup>(\*)</sup> Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

<sup>(2)</sup> Ara l-paġna 19 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.